MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 863/2008

Leonard Cutajar [Karta ta' Identita Numru: 728143(M)]

*versus*

Joseph Saliba [Karta ta' Identita Numru: 46438(M)] f'ismu proprju kif ukoll bhala mandatarju ta' l-assenti Gina mart John Sciberras, ta' l-assenti Katie mart Emanuel Ellul; ta' l-assenti Helen mart Francis Spiteri; Rosina mart Joseph Spiteri – ilkoll ahwa Saliba

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attur fis-26 ta' Awissu, 2008, li *in forza* taghha, wara li ppremetta :

Illi l-esponent rikorrent attur huwa proprjetarju ta' dritt reali ta' servitu skond kuntratt pubbliku tas-6 ta' Dicembru, 1975 fejn jinsab dikjarat b'mod inekwivoku illi l-ghalqa li

kien qieghed jixtri l-istess esponent rikorrent attur kienet tgawdi id-dritt ta' passagg bir-rigel "minn fuq il-beni ta' Rosanne armla Cassar imwielda Spiteri, passagg dan li ghandu access tieghu mill-bieb numru 37, tal-imsemmija Valletta Road kif indikat fil-pjanta annessa ….". Kopja ta' dan l-att pubbliku qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument A.

Illi dan id-dritt gie rikonoxxut fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "Joseph Saliba pro et noe vs Leonard Cutajar" deciza fil-5 ta' Ottubru, 1993.

Illi fis-7 ta' Lulju, 2004 l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili b'sentenza li giet kkonfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Novembru, 2007 fl-ismijiet "Joseph Saliba pro et noe vs Leonard Cutajar" ordnat lill-konvenut f'dik il-kawza u l-esponent rikorrent attur f'din il-kawza sabiex fost ohrajn jerga' jqieghed f'postu bieb li kien jinsab fit-tarf tal-passagg u li jgib in-numru 37 u li jinsab anness mal-fond numru 38, Valletta Road, Luqa.

Illi l-esponent rikorrent attur rega' qieghed f'postu l-imsemmi bieb kif ordant mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili u mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell izda ma' inghatax il-fakolta u d-dritt mill-intimati konvenuti li jaccedi ghll-art li fuqha jgawdi d-dritt ta' passagg bir-rigel in forza ta' l-imsemmi kuntratt pubbliku tas-6 ta' Dicembru, 1975.

Illi ghalhekk huwa mehtieg li ssir din il-kawza sabiex filwaqt li jigi kkonfermat id-dritt ta' l-esponent rikorrent attur ghall-passagg bir-rigel minn fuq l-art ta' l-intimati konvenuti, dawn ta' l-ahhar jigu ordnati li jippermettu lill-esponent rikorrent attur sabiex jezercita d-dritt tieghu ta' passagg bir-rigel minn fuq l-art proprjeta taghhom u ma jfixxkluhx bl-ebda mod fl-ezercizzju ta' dan id-dritt ta' passagg.

Talab li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi :

(1) Prevja dikjarazzjoni li r-rikorrenti attur jgawdi dritt ta’ passagg bir-rigel minn fuq l-art tal-intimati annessa mal-fond bin-numru 38, Valletta Road, Luqa liema art ghandha entratura indipendenti bin-numru 37 fl-imsemmija Valletta Road, Luqa tordna lill-intimati konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju jaghtu b’kull mezz u mod l-access liberu u inostakolat ghall-passagg bir-rigel li r-rikorrent attur ghandu minn fuq l-imsemmija art tal-intimati annessa mal-fond bin-numru 38, Valletta Road, Luqa u li ghandha entratura indipendenti minn bieb bin-numru 37 f’Valletta Road, Luqa.

(2) Fin-nuqqas ta’ esekuzzjoni ossia l-ghoti f’kull mezz u mod ta’ access liberu u inostakolat ghall-passagg bir-rigel lir-rikorrenti attur kif mitlub fit-talba precedenti. tawtorizza lir-rikorrent attur sabiex taht id-direzzjoni ta’ periti nominandi jiehu dawk il-mizuri u jaghmel dawk l-atti li jippermettulu li jkollu access liberu u inostakolat ta’ passagg minn fuq l-imsemmija art tal-intimati u li hija annessa mal-fond bin-numru 38, Valletta Road, Luqa u li ghandha entratura indipendenti minn bieb bin-numru 37 f’Valletta Road, Luqa.

Bl-ispejjez kontra l-intimati konvenuti li minn issa jibqghu ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti, li *in forza* taghha huma eccepew :

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-attur, stante li r-rapport giuridiku bejn il-kontendenti a rigward il-meritu tal-procedura odierna ‘llum jinsab regolat b’decizjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti tas-7 ta’ Lulju 2004, wara c-Citazzjoni numru 1523/94, konfermata b’decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tat-30 ta’ Novembru 2007, u b’decizjoni ohra tal-istess Qorti tal-Appell tal-25 ta’ Mejju 2008, wara talba ghar-Ritrattazzjoni maghmula mill-attur odiern.

Ghat-talbiet attrici ghalhekk illum jezisti l-ostakolu tar-res judicata;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuti;

Rat id-dokumenti esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghal sentenza preliminari dwar l-eccezzjoni tal-konvenuti tar-“res judicata”;

Ikkunsidrat :

Illi t-tifsira ta’ “res judicata” giet definita sew mill-Qorti ta’ l-Appell Kummercjali  permezz ta’ sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet fl-ismijiet Dr. Jose Herrera noe vs Anthony Cassar et noe, deciza fil-5 ta’ Ottubru, 1992, fejn il-Qorti ta’ l-Appell kienet irriteniet illi sentenza li ghaddiet ‘in giudicato’, jigifieri li ma tistax tappella minnha izjed, hija mizmuma bhala tajba u sewwa u tal-haqq – “res judicata pro veritate habetur.”

Illi l-Qrati taghna dejjem ezaminaw l-elementi li jikkostitwixxu gudikat.
u ikkonkludiet illi l-elementi huma l-istess oggett (eadem res), l-istess
partijiet (eadem personae) u l-istess mertu (eadem causa petendi).

Illi kif dejjem jinghad, l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha bhala sisien taghha l-interess pubbliku u hija mahsuba biex thares ic-certezza tal-jeddijiet li jkunu gew definiti f’sentenza, li tbieghed il-possibilita’ ta’ decizjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibilita’ ta’ kwestjonijiet li jibqghu miftuha bi hsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun inghatat.

Illi fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Anthony u Jane konjugi Borg vs Anthony Francis u Venera konjugi Willoughby deciza fit-28 ta’ Marzu 2004, l-Qorti kienet elaborat il-principju illi ghalkemm biex jista’ jigi

invokat il-gudikat, hemm bzonn l-identita’ ta’ l-oggett, din l-identita` ma hemmx bzonn tkun assoluta, basta li jkun hemm l-identita` fuq il-punt kontrovers, jew l-oggett fit-tieni citazzjoni jkun jidhol bhala parti integrali ta’ l-oggett aktar ampju dedott fl-ewwel citazzjoni. Dan jfisser li l-atturi ma jkunux jistghu permezz ta’ kawza ohra jifthu t-trattazzjoni ta’ l-istess punti fl-istess kwistjoni li gja gew diskussi f’kawza deciza b’sentenza li gja ghaddiet f’gudikat.

Illi sabiex tirnexxi l-eccezzjoni tar-res judicata it-tlett elementi iridu jikkonkorru, ghaliex fin-nuqqas ma jistax jinghad illi l-haga hija l-istess.

Illi l-eccezzjoni ta’ res judicata timmira li twaqqaf azzjoni li jkun altrimenti jisthoqqilha tigi meqjusa minn Qorti. Ghalhekk l-eccezzjoni tar-res judicata ghandha dejjem tinghata interpretazzjoni stretta, tant li, f'kaz ta' dubju, l-gudikant ghandu jiddeciedi kontra din l-eccezzjoni.

Illi min-naha l-ohra, dan il-principju huwa mwiezen b'dak l-iehor daqstant ghaqli li, fejn kwistjoni tkun giet definita u trattata, s-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tigi appellata jew ritrattata, tigi konfermata; jew, jekk ma tigix appellata jew ritrattata fiz-zmien li tippreskrivi l-ligi, ma ssir l-ebda procedura ohra li tattakka dik is-sentenza. Dan il-principju jissahhah meta l-kwistjoni li dwarha tinfetah it-tieni kawza jkun diga' jezisti filwaqt li tinghata s-sentenza fl-ewwel kawza.

Illi ghal dak illi jikkoncerna l-element tal- “eadem res”, dan jinkorpora li l-oggett mitlub fit-talba l-gdida hu identiku ghal talba precedenti li giet determinata minn sentenza li ghaddiet in gudikat. Dan hu intiz sabiex jekk il-punt imqajjem f’kawza diga ikun gie determinat f’sentenza ohra u il-kwistjoni tkun diga giet diskussa u deciza, allura jkun hemm l-identita` ta' l-oggett. Dwar l-identita` tal-haga mitluba mhux necessarju li l-identita` tkun assoluta u materjali izda ikun bizzejjed li jigi ippruvat l-identita guridika.

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-element tal-eadem causa petendi, din il-kondizzjoni tirrikjedi illi "the cause of the

claim" kontenuta fit-talba l-gdida, tkun l-istess bhat-talba precedenti u li tkun giet deciza permezz ta’ sentenza li tkun ghaddiet in gudikat. Il-causa petendi hi "the title on which the demand is based". Ghalhekk il-fatt guridiku li fuqu d-dritt pretiz hu ibbazat.

Illi sabiex il-kundizzjoni ta' l-"eadem causa petendi" tirnexxi, irid jigi ippruvat li l-kawzali kontenuta fit-talba l-gdida hi fondata fuq l-istess fatt guridiku li kien jifforma l-bazi tat-talba precedenti, li giet determinata b'sentenza li ghaddiet in gudikat.

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-element ta’ l-eadem personae, din hija l-identita` tal-kontendenti fiz-zewg kawzi. Dan ma jfissirx li l-promoturi tal-istess procedura jistghu jipproponu mill-gdid kawza identika bl-inseriment ta' persuna li l-presenza taghha ma kienitx verament necessarja mill-aspett legali.

Illi l-Qorti rat illi l-partijiet ma ipprezentawx noti ta sottomissjonijiet dwar din l-eccezzjoni.

Illi l-Qorti rat illi permezz ta’ digriet taghha tas-6 ta’ Novembru 2008 gew allegati ma dawn l-atti il-process relattiv ghal kawza Citazzjoni numru 1523/94.

Ikkunsidrat :

Il-Qorti rat illi l-mertu ta’ din il-kawza jirrigwarda il-passagg liberu u inostakolat ghall-isqaq li jaghti fuq Valletta Road Luqa.

Illi dan il-mertu diga gie deciz permezz ta’ sentenza ta’ din il-Qorti diversament preseduta illi giet konfermata b’sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tat-30 ta’ Novembru 2007 u b’sentenza ohra ta’ l-istess Qorti ta’ l-Appell tal-25 ta’ Marzu 2008, kollha fic-Citazzjoni numru 1523/94, liema proceduri jinsabu annessi mal-proceduri odjerni.

Illi jirrizulta illi bl-istess decizjonijiet fuq imsemmija gie determinat mill-Qorti illi l-attur odjern, illi kien konvenut f’dawk il-proceduri, kien obbligat li iwettaq dak illi obbliga

ruhu illi jaghmel bi skrittura privata tat-12 ta' Marzu 1976, li jfisser li ma jistax jaccedi mill-passagg ossia sqaq illi illum qed jippretendi mill-gdid illi jezercita dritt fuqu.

Ghalhekk il-Qorti tara illi gew sodisfatti it-tlett elementi mehtiega sabiex tirnexxi l-eccezzjoni ta' res judicata.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa l-eccezzjoni tal-konvenuti u tichad it-talbiet kollha attrici, bl-ispejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------